MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Mandat Numru. 419/2012/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 419/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Mary Galea (ID 0590732M)**

***kontra***

**Carmelo Galea (ID 358927M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fis-26 ta` Marzu 2012 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Jigbed, jizbanka, jittrasferixxi jew b`xi mod iehor jirhan jew jidhol f`xi obbligi legali fuq kull ammont*

*depozitat permezz ta` prokura moghtija lilu f`kontijiet f`isem ir-rikorrenti wahedha jew mizmuma f`joint accounts f`isem il-partijiet bejniethom fis-segwenti banek : (1) HSBC Bank Malta plc (2) Bank of Valletta plc (3) APS Bank Limited (4) Lombard Bank Malta plc.*

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Marzu 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-12 ta` April 2012..

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` April 2012 li ghaliha deher l-intimat li ta ruhu b`notifikat f`dik l-udjenza stess kemm bir-rikors promotorju u kif ukoll bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi fl-istess udjenza l-Qorti wissiet lill-intimat li kellu zmien ghaxart ijiem minn dakinhar sabiex jekk irid iwiegeb ghar-rikors, u wissietu illi fin-nuqqas ta` risposta hija tghaddi minnufih biex tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

Rat illi l-intimat baqa` ma pprezentax risposta u lanqas deher ghall-udjenza tal-25 ta` April 2012 fin-12.30 p.m.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-ahhar fejn il-Qorti halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

Billi din il-Qorti hija tal-fehma illi fit-talba tar-rikorrenti hemm sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-Art.873 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda -**

**1) Tilqa` t-talba tar-rikorrenti.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex la jigbed, la jizbanka, la jittrasferixxi jew lanqas b`xi mod iehor jirhan jew jidhol f`xi obbligi legali fuq kull ammont depozitat permezz ta` prokura moghtija lilu f`kontijiet f`isem ir-rikorrenti wahedha jew mizmuma f`*joint accounts* f`isem il-partijiet bejniethom fis-segwenti banek : (i) HSBC Bank Malta plc (ii) Bank of Valletta plc (iii) APS Bank Limited (iv) Lombard Bank Malta plc.**

**Tordna li l-ispejjes kollha jithallsu mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------